# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 604/2015PA**

**Mobisle Communications Limited, u b'Digriet mogħti mit-Tribunal datat 15 ta' Jannar 2016, l-Atti ġew leġittimati f'isem is-soċjeta' GO plc**

**vs**

**Rita Lanbandaro u b'diġriet mogħti mit-Tribunal datat 2 ta' Marzu 2016, isem il-Konvenuta minflok 'Lanbandaro' ġie jaqra 'Labandero'.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-28 ta' Lulju 2015 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-istess soċjeta' attriċi s-somma ta' elf hames mija u tnax-il Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1,512.83ċ) dovut in konnessjoni mas-servizzjoni ta' komunikazzjoni mogħtija lilha bil-kont numru 51113566. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenuta tiġi kundannata tħallas l-ispejjeż, bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawża (fol.2); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta' attriċi kellha mal-konvenuta (fol.3); u (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenuta (Dok.4).

Ra li, b'digriet ta' dan it-Tribunal mogħti fil-15 ta' Jannar 2016, l-atti ġew leġittimati f'isem is-soċjeta' GO plc, minflok is-soċjeta' attriċi Mobisle Communications Limited, wara li din is-soċjeta' ġiet amalgamata mas-soċjeta' GO plc, b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015.

Ra li, b'digriet ieħor mogħti fis-7 ta' Marzu 2016, kunjom il-konvenuta ġie korrett għal 'Labandero'.

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret sabiex tikkontesta t-Talba.

Ra li fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2017, Charmaine Psaila Raji għas-soċjeta' attriċi iddikjarat bil-ġurament li l-konvenuta għadha debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elf ħames mija u tnax-il Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€1,512.83ċ), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-ħlas, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**